DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/72/PESK

tal-31 ta' Jannar 2013

li temenda d-Deċiżjoni 2011/72/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Jannar 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/72/PESK [1].

(2) Il-miżuri restrittivi stabbiliti fid-Deċiżjoni 2011/72/PESK japplikaw sal-31 ta' Jannar 2013. Abbażi ta' reviżjoni ta' dik id-Deċiżjoni, il-miżuri restrittivi għandhom jiġu estiżi sal-31 ta' Jannar 2014.

(3) Id-Deċiżjoni 2011/72/PESK għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2011/72/PESK huwa b'dan sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Jannar 2014. Għandha tinżamm taħt reviżjoni kostanti. Tista' tiġġedded jew tiġi emendata, kif xieraq, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Jannar 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ASHTON

[1] ĠU L 28, 2.2.2011, p. 62.